**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 362/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**
**vs**
**Rodrick Castillo**

**Illum, 02 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Rodrick Castillo ta' 38 sena, twieled Pieta' nhar 11 ta' Novemru 1982, iben Paul u Rita nee' Cutajar u li joqgħod ġewwa BLK X Flat 3 Triq Jum il-Marsa u detentur tal-karta tal-identita' bi numru 656382M.

Billi akkuzat talli nhar it-8 ta' Ġunju 2020 għall-ħabta ta' 18:00hrs ġewwa Triq Fr. Charles Plater Paola u fi ġranet differenti ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Charlene Castillo, biża' li se tintuża vjolenza kontriha u kontra familjari tagħha jew kontra l-propjeta tagħhom jew xi persuni messmija fl-artikolu 222(1)(a) meta kien jaf jew imisshu kien jaf li l-imġieba tiegħu se jikkaġuna lil Charlene Castillo biża lilha u lill-familjari tagħha u dan bi ksur tal-artikolu 251B u 251H (a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Ġibt ruħek b'mod li tajt fastidju lil martek Charlene Castillo meta kont taf jew missek kont taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna, u dan bi ksur tal-artikolu 251°(b), 222(1)(a) u 251H(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil Charlene Castillo Art,339(1)(e) Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Rodrick Castillo a benefiċċju ta' Charlene Castillo u tal-familja tagħha w dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament iċ-ċitazzjoni fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 11 ta' Diċembru 2020

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', Rapport tal-inċident, riferta għad-dipartiment tal-vjolenza domestika, stqarrija tal-imputat, estratt miċ-ċertifikat tat-twelid, fedina penali,

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Ispettur Paul Camilleri, PS 1257 Conrad Ellul, Charmaine Castillo.

**Ikkunsidrat:**

**Decide:**

Il-Qorti, wara li rat l-imputazzjonijiet, semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti eżebiti;

Rat li fl-aħħar seduta dehret il-parti inġurjata Charlene Castillo li irrinunzjat għall-azzjoni kriminali fil-konfront tar-raġel tagħha;

Rat illi kienet xehdet preċedentement għal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni din ġiet irtirata mill-parti ingurjata u għalhekk tiddikjara l-proċediment eżawrit għal dak li jirrigwarda din l-imputazzjoni.

Kwantu dak li jirrigwarda l-ewwel u t-tieni imputazzjoni f' dan ir-rigward kellu jiġi ippruvat dak li jissejaħ "course of conduct", iżda l-prosekuzzjoni naqset milli taghmel dan, primarjament ġiet ippreżentata biss okkorrenza waħda u x-xhud Charlene Castillo xehdet biss dwar inċident iżolat. Għalhekk l-estremi ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet ma ġewx pruvati.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti ma ssibx lill-imputat Roderick Castillo ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u tilliberaħ minn kull ħtija u piena

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Dr. Federico Barbaro-Sant**
**Deputat Registratur**